MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 63/2003

**Carmel Zammit**

**Vs**

**Anthony Magri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm395.50c) rapprezentanti danni sofferti in segwitu ghall-incident li fih il-konvenut bi vjolenza, aggredixxa u sawwat lill-attur.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' l-attur fejn jghid illi kien ghadu fil-karozza bis-*seatbelt* marbut mieghu meta l-konvenut

hareg mill-karozza tieghu u mar itih madwar hmistax-il daqqa bil-VHF. Jghid ukoll illi pprova jiddefendi ruhu sakemm hareg mill-karrozza u kif wasal fuqu waqqghu ma’ l-art waqt li l-konvenut kien ghadu qed itih bil-VHF.

L-attur jghid ukoll illi s-*security* tal-Freeport haduh jaghmel rapport, fejn imbaghad il-klinika tal-Freeport baghtuh il-*polyclinic* ta’ Rahal Gdid halli jaghmlulu l-punti u jiccekkjawlu t-tbengil. Jghid ukoll illi t-tabib tal-*polyclinic* ghamillu punt fuq nasu u tlett punti ohra fuq rasu u tah disat ijiem *sick*.

Zammit jixtieq illi l-konvenut ihallsu tan-nuccali u tad-daqqa li ghamillu bil-VHF fuq il-karrozza. Apparti minn hekk jixtieq illi jinghata l-beneficcju tal-korriment, rikumpens tat-telf mill-*extra* kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Ra x-xhieda ta’ Adrian Attard fejn jghid illi d-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali cahad it-talba ta’ l-attur ghall-beneficcju ghaliex huwa ma wegax ghar-raguni konnessa max-xoghol.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Caruana fejn jghid illi d-direttur tal-bord ircieva minghand il-bdot dwar x’kien gara. Jghid ukoll illi l-partijiet ma hadux passi ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi bir-radjo avza lill-attur biex jghidlu li ma kellux ghalfejn imur hdejh ghaliex ix-xoghol kien lest. Izda jghid ukoll illi l-attur xorta mar sabiex jiggieled mieghu.
Il-konvenut jghid illi x’hin rikeb il-karozza gie l-attur irrabbjat ghalih u xehtu fl-art u beda jtih bl-addocc. Jghid ukoll illi l-VHF tieghu kien marbut ma’ qaddu u b’kagun tal-glieda nkisirlu.

Il-konvenut jichad illi sawwat lill-attur bil-VHF ghaliex huwa kien ‘minxur’ ma’ l-art u l-VHF kien marbut mieghu. Jichad illi kissirlu n-nuccali ghaliex ma jafx jekk l-attur kienx libsu fil-hin tal-glieda. Jichad ukoll id-daqqa mal-karozza ta’ l-attur ghaliex jghid illi fl-ebda hin huwa ma mess l-imsemmija vettura.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-attur talab lill-konvenut sabiex ihallas wiehed u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm51.50c) tan-nuccali, sittin lira Maltin (Lm60) hsara fuq il-vettura, wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm81.45c) telf ta' beneficcji tal-korriment, sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm57.95c) bhala telf tat-*taxi* u mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) telf mill-*extra*.

Illi l-incident gara fit-2 ta' Novembru, 2002 filwaqt illi l-ircevuta tan-nuccali hija datata d-19 t'Awissu, 2002.

Illi l-ammont ta' l-ispejjez imsemmija a fol 33 tal-process huwa ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm365.90c) fejn jirrizulta inqas mill-ammont mitlub mill-attur fl-Avviz tat-talba.

Dwar il-glieda l-partijiet jaghtu verzjoni opposta ghal xulxin. Huwa minnu li jidher li kien il-konvenut li kien irrabbjat ghaliex spicca ghamel ix-xoghol wahdu izda dan it-Tribunal m'ghandux bizzejjed provi biex jikkonkludi li l-verzjoni ta' wiehed mill-partijiet hija izjed kredibbli. M'hemmx xhieda ndipendenti.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu. **(Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)**"

Ghaldaqstant jichad it-talba u l-kontro-talba. Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------